# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Numru 11**

**Rikors Maħluf Numru 1189/2021 NC**

**Sammut Concrete Supplies Limited**

**vs.**

**Max Junior Ebejer**

Illum 30 ta' Ġunju 2022

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors Maħluf tas-soċjeta' attriċi Sammut Concrete Supplies Limited ippreżentat fit-3 ta' Diċembru 2021 li jgħid hekk:

*"1. Illi s-soċjeta' rikorrenti hija kreditriċi tal-intimat fl-ammont ta' tmintax-il elf, ħames mija u tmienja u tmenin euro u tnejn u tmenin ċenteżmu (€18,588.82) rappreżentanti bilanċ ta' prezz dovut lis-soċjeta' rikorrenti mill-intimat fuq kont kurrenti illi l-intimat għandu mas-soċjeta' rikorrenti, marbut ma' diversi*

*forrnituri ta' materjali tal-bini, inkluż concrete, mibjugħa u kkonsenjati, bl-ingrossa, mis-soċjeta' rikorrenti lill-intimat, kif ukoll rappreżentanti kumpens għal servizzi ta' concrete pump reżi mis-soċjeta' rikorrenti lill-intimat, u dan kollu fuq inkarigu tal-intimat stess u skont ma' jirriżulta mill-istatement hawn anness (Dok. 'SCS 1'), mill-fattura hawn annessa (Dok. 'SCS 2'), u mid-delivery notes relattivi hawn annessi komplessivament (Dok. 'SCS 3');*

*2. Illi l-imsemmi ammont huwa dejn ċert, likwidu u dovut u, fil-fehma tas-soċjeta' rikorrenti, jikkonkorru l-elementi preskritti mill-Artikoli 167 sa 170 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex din il-kawża tiġi deċiża bid-dispensa tas-smiegħ billi, fil-fehma ta' l-istess soċjeta' rikorrenti, l-intimat ma għandu l-ebda eċċezzjoni xi jressaq kontra t-talba għall-ħlas ta' l-imsemmi ammont.*

*3. Illi għalkemm l-intimat ġie interpellat ripetutament sabiex iħallas l-imsemmi ammont huwa baqa' inadempjenti u ma ħallasx.*

*4. Dawn il-fatti huma magħrufa lill-esponenti personalment.*

*5. Għalhekk kellha ssir din il-kawża.*

*Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi s-soċjeta' rikorrenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja li jingħataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha opportuni:*

*1. Tiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa tas-smiegħ, ai termini ta' l-Artikoli 167 sa 170 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*2. Tikkundanna lill-intimat sabiex iħallas lis-soċjeta' rikorrenti l-ammont ta' tmintax-il elf, ħames mija u tmienja u tmenin euro u tnejn u tmenin ċenteżmu (€18,588.82) rappreżentanti bilanċ ta' prezz dovut lis-soċjeta' rikorrenti mill-intimat fuq kont kurrenti illi l-intimat għandu mas-soċjeta' rikorrenti, marbut ma' diversi forrnituri ta' materjali tal-bini, inkluż concrete, mibjugħa u kkonsenjati, bl-ingrossa, mis-soċjeta' rikorrenti lill-intimat, kif ukoll rappreżentanti kumpens għal servizzi ta' concrete pump*

*reżi mis-soċjeta' rikorrenti lill-intimat, u dan kollu fuq inkarigu tal-intimat stess u skont ma' jirriżulta mill-istatement hawn anness (Dok. 'SCS 1'), mill-fattura hawn annessa (Dok. 'SCS 2'), u mid-delivery notes relattivi hawn annessi komplessivament (Dok. 'SCS 3');*

*Bl-ispejjeż, inklużi tal-ittra uffiċjali bin-numru 53/2021 ippreżentata fis-26 ta' Marzu, 2021 mis-soċjeta' rikorrenti fil-konfront tal-intimat ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u bl-imgħax legali mit-30 ta' April 2020 sad-data tal-effettiv pagament kontra l-intimat li huwa minn issa stess inġunt għas-subizzjoni tiegħu."*

Rat id-dokumenti eżebiti u l-atti proċesswali kollha ta' dan il-każ.

Rat id-digriet tagħha (*a fol.* 19) tas-7 ta' Diċembru 2021 li permezz tiegħu din il-kawża ġiet appuntata għas-smigħ għas-seduta tat-13 ta' Jannar 2022 u li l-konvenut ġie ordnat sabiex jidher dakinhar u, fin-nuqqas, il-Qorti kienet ser tgħaddi biex tiddeċiedi minnufih il-kawża billi tilqa' t-talbiet tas-soċjeta' attriċi.

Rat illi l-konvenut Max Junior Ebejer ġie notifikat bil-proċedura tal-affissjoni u l-pubblikazzjoni

Rat illi fis-seduta tallum deher il-konvenut Max Junior Ebejer assistit mill-konsulent legali tiegħu, waqt liema seduta l-konsulent legali msemmi qara u ppreżenta Nota ta' Ammissjoni tal-konvenut, liema Nota ġiet iffirmata kemm mill-konsulent legali tal-konvenut u kif ukoll mill-konvenut innifsu.

**Ikkunsidrat**

Illi fil-kawża odjerna s-soċjeta' attriċi tisħaq li hija kreditriċi tal-konvenut għall-ammont ta' tmintax-il elf, ħames mija u tmienja u tmenin Euro u tnejn u tmenin ċenteżmu (€18,588.82) rappreżentanti bilanċ ta' prezz dovut lis-soċjeta' attriċi mill-konvenut fuq kont kurrenti illi l-konvenut jingħad li għandu mas-soċjeta' attriċi liema ammont huwa marbut ma' diversi fornituri ta' materjali tal-bini,

inkluż *concrete*, mibjugħa u kkonsenjati bl-ingrossa mis-soċjeta' attriċi lill-konvenut kif ukoll rappreżentanti kumpens għal servizzi ta' *concrete pump* reżi mis-soċjeta' attriċi lill-konvenut u dan kollu fuq inkarigu tal-konvenut stess.

Illi ġiet ippreżentata Nota ta' Ammissjoni tal-konvenut Ebejer fejn huwa ammetta t-talbiet tas-soċjeta' attriċi.

**Ikkunsidrat**

Illi Artikolu 693 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta jaqra hekk:

> "Kull ammissjoni ta' fatt, sew bil-miktub kemm bil-fomm, magħmula fil-qorti kemm barra mill-Qorti, tista' tittieħed bħala prova kontra l-parti li tagħmilha".

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Kimberley Joy Agius vs. Direttur tas-Sigurta' Soċjali** (Numru 17/2010) deċiża fis-6 ta' Ottubru 2010, il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) saħqet is-segwenti:

> "Illi, kif deċiż, skont il-liġi tal-proċedura, l-ammissjoni hija *regina probationum* u biżżejjed biex il-każ jingħalaq. Ara **Carmelo Bonnici nomine vs. Ronald Farrugia et**, Appell Ċivili, 26 ta' Ottubru, 1970."

Illi l-Qorti hija tal-fehma li jkun opportun li tagħmel riferenza għal dak li ngħad f'sentenza mogħtija fis-6 ta' Ottubru 2020 fil-kawża fl-ismijiet **Maria Grima vs. Alfred Attard et** (Numru 3/2013), fejn il-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) qalet hekk:

> "Fil-fehma tal-Qorti l-appellata għandha raġun, fid-dawl tal-ammissjoni tal-konvenut l-ewwel Qorti kellha tgħaddi biex tilqa' t-talbiet attriċi fuq ammissjoni u mhux tiddikjara l-mertu eżawrit".

**Ikkunsidrat**

Illi ladarba fil-każ odjern il-Qorti għandha Nota ta' Ammissjoni ppreżentata u ffirmata mill-konvenut Ebejer, permezz ta' liema Nota ddikjara li kien qed jammetti t-talbiet tas-soċjeta' attriċi, b'hekk la hemm qbil minn naħa tal-konvenut fir-rigward ta' dak mitlub u dedott mis-soċjeta' attriċi, il-Qorti m'għandhiex għalfejn tagħrbel dwar is-siwi tat-talbiet imressqa mis-soċjeta' attriċi, speċjalment tat-tieni (2) talba tagħha. Di fatti, il-Qorti tagħmel riferenza għal dak li qalet il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza mogħtija minnha fit-22 ta' Ottubru 2021 fil-kawża fl-ismijiet **HSBC Bank Malta plc vs. Justin Micallef Grimaud** (Numru 688/2021) meta qalet hekk:

> "Dan hu hekk għaliex, *confessus pro iudicato est, qui quodammodo sua sententiae damnatur* – li maqlub għall-Malti tfisser – li dak li jammetti waqt il-proċess jikkundanna lilu nnifsu u għalhekk jiġi li jiddetta s-sentenza tiegħu stess."

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

1. Tilqa' l-ewwel (1) talba tas-soċjeta' attriċi billi tiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa tas-smigħ *ai termini* ta' Artikoli 167 sa 170 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Tilqa' t-tieni (2) talba tas-soċjeta' attriċi u tikkundanna lill-konvenut Max Junior Ebejer sabiex iħallas lis-soċjeta' attriċi l-ammont ta' tmintax-il elf, ħames mija u tmienja u tmenin Euro u tnejn u tmenin ċenteżmu (€18,588.82) liema ammont huwa dovut kif fuq spjegat.

Finalment, il-Qorti tordna wkoll li l-ispejjez kollha marbuta ma' dawn il-proċeduri u l-imgħax legali bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena mit-30 ta' April 2020 sad-data tal-ħlas finali hekk kif mitlub

fir-Rikors Maħluf tas-soċjeta' attriċi jitħallsu kollha kemm huma mill-konvenut Max Junior Ebejer.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**